# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 125/18/3 AL**

**Carmen Grixti**

**v.**

**Ivan Grixti**

Preliminari:

1. Fit-2 ta' Ottubru 2018, waqt il-kawża għall-firda[1], il-konvenut Dr Ivan Grixti ppreżenta rikors fejn skont l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili talab li tinħall il-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-attriċi. Fl-10 ta' Jannar 2019 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba tal-konvenut (rikorrent) u

[1] Il-kawża tas-separazzjoni ġiet intavolata mill-attriċi fit-18 ta' Mejju 2018.

ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Grixti b'effett mid-data tal-istess sentenza.

2. Fid-deċiżjoni l-ewwel Qorti qalet:

**Rikors tal-Appell tal-attriċi Carmen Grixti (01.02.2019):**

3. L-aggravji tal-attriċi huma s-segwenti:

**L-ewwel aggravju:**

Fl-ewwel lok taċċenna:

- għall-fatt li għall-kontro-talba tal-konvenut fil-kawża ta' separazzjoni hija kienet qajmet l-eċċezzjoni tar-rikuża (minħabba li Dr Abigail Critien, id-difensur tal-konvenut hija wkoll l-Assistent Ġudizzjarju tal-Imħallef Abigail Lofaro); u

- għall-fatt li dakinhar stess li ngħatat is-sentenza mertu ta' dan l-appell dwar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ewwel Qorti ordnat referenza kostituzzjonali relattiva għall-ewwel eċċezzjoni tagħha tar-rikuża (cioe` biex jiġi determinat jekk bil-fatt li l-Assistent Ġudizzjarju tal-Imħallef li qed tisma' l-kawża tas-separazzjoni hija d-difensur tal-

konvenut hemmx ksur tad-dritt tal-attriċi għal smigħ xieraq).

Targumenta li hemm kontradizzjoni netta bejn li tordna tali referenza u li fl-istess ħin tagħti sentenza fuq il-mertu qabel ma tkun taf x'sejra tkun it-tweġiba għar-riferenza.

**It-tieni aggravju:**

Fit-tieni lok tilmenta li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza dwar is-separazzjoni hija sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat minħabba d-disparita` fl-"*earning capacity*" tal-partijiet.

**It-tielet aggravju:**

Fit-tielet lok tilmenta li sejra tbati preġudizzju wkoll minħabba li l-konvenut appellat mhux qed iħallas id-dejn tal-komunjoni. Tispjega li l-konvenut daħħal il-komunjoni fi djun għall-interess tiegħu (karozza, festin bil-logħob tan-nar wara l-gradwazzjoni, u dejn fuq il-credit cards) u li preżentament qiegħed iħallas biss nofs il-pagamenti mensili rigwardanti tali dejn mal-bank, għaliex jippretendi li ladarba sehmu mill-komunjoni huwa ta' nofs mela allura għandu jħallas biss nofs u li hija għandha tħallas in-nofs l-ieħor. Tilmenta li jekk titwaqqaf il-komunjoni issa, hija, il-paga minima u bil-piż tal-familja li għadha qiegħda trabbi, sejra tispiċċa jkollha tħallas

għal nofs dawn il-loans li żewġha ħa fl-interess tiegħu, meta m'għandhiex l-"*earning capacity*" tiegħu. Iżżid tgħid li dan jista' jwassal sabiex il-bank ifittex il-bejgħ bil-qorti tad-dar matrimonjali u jekk jiġri hekk, hi u wliedha jispiċċaw bla saqaf fuq rashom, filwaqt li l-konvenut jibqa' jpoġġi fejn qed ipoġġi issa mal-ħabiba.

**Ir-raba' aggravju:**

Fir-raba' lok tilmenta li l-ewwel Qorti naqset li tagħti l-piż mistħoqq lill-argumenti li hija għamlet fit-tweġiba tagħha għar-rikors tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, senjatament l-argument tagħha li kull *achievement* u kull MA jew PhD li ġab il-konvenut u kull qligħ sostanzjali frott tagħhom huwa riżultat mhux biss tal-konvenut waħdu iżda wkoll bil-ħidma u appoġġ kontinwu li tatu. Tħossha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti ikkummentat illi l-argument tal-attriċi li għamlet ħafna sagrifiċċju fiż-żwieġ għalkemm jista' jkollu rilevanza f'dak li jirrigwarda r-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ u l-manteniment dovut lilha, huwa irrilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55(4). Tilmenta li mhux ġust li dak li kiseb il-konvenut bil-kontribut u s-sagrifiċċju tagħha jibqa' jgawdih hu biss. Għalhekk issostni li l-waqfien tal-komunjoni f'dan l-istadju ser iġibilha preġudizzju enormi u għal kollox inġust.

**Il-ħames aggravju**:

Fil-ħames lok tilmenta bl-osservazzjoni tal-ewwel Qorti meta qalet li

*"bħala regola l-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement pruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra"*. Issostni li din hija interpretazzjoni ħażina tal-Artikolu 55(1), fejn il-liġi tgħid li l-qorti "*tista*" mhux li *"għandha*" tordna l-waqfien tal-komunjoni. Inoltre tilmenta bil-kumment tal-ewwel Qorti meta qalet li "*li parti f'separazzjoni tieqaf tgawdi l-frott tal-ħidma jew tal-assi li jappartjenu lill-parti l-oħra, mhijiex preġudizzju iżda konsegwenza naturali tal-firda*." Hawnhekk targumenta li dan kien ikun minnu kieku fl-istess waqt tat-terminazzjoni tal-komunjoni sseħħ ukoll il-qasma biex parti li ma għandhiex *earning capacity* daqs l-oħra għallinqas tingħata sehmha mill-komunjoni biex ittaffi għal dan in-nuqqas; jew li kieku l-*earning capacity* tal-partijiet kien bejn wieħed u ieħor l-istess.

**Is-sitt aggravju:**

Finalment tilmenta li bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija sejra tiġi mċaħħda minn dak id-dħul li suppost daħal fil-komunjoni tal-akkwisti qabel ma l-komunjoni tkun twaqqfet. Taċċenna għal dak li irriteniet l-ewwel Qorti, u cioe` li, "*jekk ikun ippruvat illi r-rikorrent għandu fil-pussess tiegħu flus li kiseb mill-ħidma tiegħu sat-tmiem tal-komunjoni tal-akkwisti, dawna ser jibgħu taż-żewġ partijiet u jiġu assenjati skont il-liġi fid-deċiżjoni finali ta' din il-qorti*." Hawnhekk targumenta illi għalkemm dak li irriteniet l-ewwel

Qorti huwa legalment korrett, dan xejn ma jiswa jekk il-konvenut rikorrent jaħbi dawn il-flus. Targumenta li l-kontijiet bankarji juru li. Issaqsi: kif ser tipprova li dawk il-flus kienu għal xogħol li sar qabel u mhux wara li intemmet il-komunjoni?

**<u>Risposta tal-Appell tal-konvenut rikorrent Dr. Ivan Grixti (08.03.2019):</u>**

4. Il-konvenut (rikorrent) appellat Dr. Ivan Grixti wieġeb biex jgħid li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

**<u>Dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ddeċidiet ir-rikors tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti waqt li r-referenza kostituzzjonali kienet għadha pendenti:</u>**

5. Il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar 2020 (30/2019/RGM) dwar ir-referenza kostituzzjonali magħmula mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), spjegat tajjeb l-isfond wara r-referenza:

> *"Fit-18 ta' Mejju 2018 Carmen Grixti istitwiet proċeduri ta' separazzjoni minn ma' żewġha Dr. Ivan Grixti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Fil-21 ta' Ġunju 2018, il-konvenut Dr. Grixti ippreżenta risposta ġuramentata kif ukoll kontro-talba. Għal kontro-talba, r-*

*rikorrenti Grixti ntavolat risposta ġuramentata fit-28 ta' Settembru 2018 u l-ewwel eċċezzjoni kienet taqra hekk:*

> ***"L-attriċi qabel xejn bir-rispett kollu tressaq eċċezzjoni ta' rikuża tal-Onor. Imħallef Abigail Lofaro minħabba nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva, għar-raġuni illi l-avukat tal-konvenut Ivan Grixti hija wkoll l-Assistent Ġudizzjarju assenjata lill-istess Imħallef u għalhekk għandha aċċess privileġġjat għall-Imħallef. Dan joħloq dehra ta' qrubija bejn l-Imħallef u l-Avukat li ddgħajjef id-dehra ta' imparzjalità oġġettiva li hija essenzjali għall-fiduċja pubblika fil-Qrati."***

*"Waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ta' din l-ewwel eċċezzjoni għal kontro-talba, ir-rikorrenti issottomettiet fost oħrajn li jekk din l-eċċezzjoni ma tintlaqax ikun ifisser li "ma ingħatax smigħ mill-Qorti imparzjali"-- u kien hawn fejn ġie ċċarat ukoll li jekk din l-eċċezzjoni ma tintlaqax ir-rikorrenti kienet ser tirriverti għal proċeduri kostituzzjonali sabiex jiġi dikjarat li kien hemm leżjoni għad-dritt ta' smigħ xieraq.*

*"Għal din id-dikjarazzjoni l-Qorti tal-Familja għaddiet sabiex fl-10 ta' Jannar 2019 tippronunzja ruħha fuq l-ewwel eċċezzjoni rikonvenzjonali u wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet meħtieġa dwar ir-rikuża ta' Imħallef għaddiet sabiex tiddeċiedi li l-eċċezzjoni hija ta' natura kostituzzjonali u ġaladarba din "tissupera l-kompetenza ta' din il-Qorti" jeħtieġ li ssir referenza kostituzzjonali. Huwa għalhekk li din il-Qorti jeħtiġilha tagħti tweġiba għas-segwenti mistoqsija:*

*1. "Tiddetermina u tiddikjara jekk hemmx jew jistax ikun hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-attriċi għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (regolata wkoll mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea) billi l-avukat difensur tal-konvenut f'din il-kawża, ossia l-Avukat Dottor Abigail Critien, hija wkoll Assistent Ġudizzjarju assenjata mal-Qorti li qiegħda tisma' l-kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet;*

*2. Jekk fl-affermattiv, tordna r-rikuża tal-Imħallef sedenti mill-kawża."*

6. Wara li kkonsidrat il-kwistjoni mertu tar-referenza fid-dawl tal-liġi u tal-ġurisprudenza rilevanti, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabet li fil-fatt ma ntweriex li hemm jew jista' jkun hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-attriċi għal smigħ xieraq bil-fatt li d-difensur tal-konvenut (Dr. Abigail Critien) hi wkoll Assistent Ġudizzjarju assenjata

mal-Qorti li qed tisma' l-kawża ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, u sakemm fl-ebda stadju tal-kawża ma tagħti s-servizz tagħha f'dik il-kawża.

7. Fit-18 ta' Frar 2020 l-attriċi appellat minn dik id-deċiżjoni.

8. Fl-ewwel aggravju l-attriċi argumentat li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeċiedi t-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minħabba li kien għad hemm pendenti talba għal referenza kostituzzjonali relattiva għall-ewwel eċċezzjoni tar-rikonvenzjoni li titratta dwar ir-rikuża tal-ġudikant li qiegħda tippresjedi l-qorti li qiegħda tisma' l-kawża tas-separazzjoni.

9. F'dan ir-rigward il-konvenut wieġeb:-

(i) li qabel ma l-attriċi qajmet il-kwistjoni tar-rikuża permezz ta' eċċezzjoni formali (cioe` wara li kienet ġiet notifikata bil-kontro-talba tiegħu għall-azzjoni ta' separazzjoni intavolata minnha) kienet diġa` ppreżentat rikors għar-rikuża tal-ġudikant, li kien miċħud mill-ewwel Qorti b'digriet tat-30 ta' Ġunju 2018;

(ii) li l-eċċezzjoni tar-rikuża li tat l-attriċi fir-rigward tar-rikonvenzjoni li ppreżenta l-konvenut, ġiet miċħuda b'sentenza tal-10 ta' Jannar 2019

(cioe` l-istess data li fiha ntlaqgħet it-talba għal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti).

(iii) li l-attriċi qatt ma talbet is-soprasessjoni tal-proċeduri sakemm tinqata' l-kwistjoni dwar rikuża tal-ġudikant, u lanqas ma talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza appellata.

10. Għalhekk jargumenta li ladarba t-talba tagħha għar-rikuża ġiet miċħuda darbtejn, tali talba mhix pendenti, u li ladarba l-attriċi ma talbitx is-soprasessjoni tal-proċeduri jew is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza (dwar it-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti) ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi biex tagħti s-sentenza appellata.

11. Illum dak l-ilment hu eżawrit għaliex il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell li l-attriċi għamlet mis-sentenza tal-Prim'Awla tas-6 ta' Frar 2020. F'kull każ irrispettivament jekk l-ewwel Qorti kellhiex tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċeduri qabel tiddeċiedi dwar it-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti xorta kienet ser tistħarreġ l-ilmenti tal-attriċi fil-mertu.

**L-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.**

12. Il-ħames aggravju tal-attriċi jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ewwel

Qorti fir-rigward tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, senjatament is-subinċiżi (1) u (4) li jipprovdu:

Artikolu 55(1):

> *"(1)* ***Il-qorti tista'****, f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."*

Artikolu 55(4):

> *"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu****, il-qorti għandha*** *tqis jekk xi parti tkunx sejra* ***tbati preġudizzju mhux proporzjonat*** *bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

13. L-attriċi tagħmel riferenza għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti irriteniet li:

> "…bħala regola, il-Qorti, rinfaċċjata b'talba bħal din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew oħra."

14. Hija targumenta illi l-kelma użata fl-Artikolu 55(1) hija "*tista*'" u mhux "*għandha*", u li allura l-asserzjoni li għamlet l-ewwel Qorti, fis-sens li fehmet li għandu jkollha *bias* awtomatiku favur il-waqfien tal-komunjoni, u li huwa f'każi "eċċezzjonali" li talba għal tali waqfien ma tiġix milqugħa, mhix korretta.

15. Hu fatt li subinċiż (1) jagħti diskrezzjoni lill-qorti. Pero` mis-subinċiż

(4) jidher li hu f'każ ta' preġudizzju mhux proporzjonat li l-qorti għandha tiċħad it-talba. Id-dispożizzjoni ma ssemmix ċirkostanzi oħra. Li kieku l-qorti għandha d-diskrezzjoni assoluta, kif tidher li qiegħda tippretendi l-attriċi, ma kienx hemm bżonn ta' subinċiż (4).

**<u>Il-kwistjoni dwar jekk l-attriċi hijiex ser issofri preġudizzju sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni.</u>**

16. L-ewwel Qorti irriteniet, *inter alia*, li meta parti f'separazzjoni tieqaf tgawdi l-frott tal-ħidma tal-parti l-oħra, dan huwa konsegwenza naturali tal-firda u mhux preġudizzju. Irriteniet li l-attriċi m'għandhiex tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha (tul il-kawża tas-separazzjoni) fejn il-ħajja matrimonjali spiċċat.

17. <u>It-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt aggravji</u> tal-attriċi kollha jirrigwardaw il-kwistjoni tal-preġudizzju; kull waħda minnhom fil-fatt tirrigwarda raġuni għaliex (skont l-attriċi) bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju, hija ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat, u cioe`:-

- il-fatt li hemm disparita` enormi bejn l-"*earning capacity*" tagħha u tal-konvenut (<u>it-tieni aggravju</u>);

- il-fatt li wara li għabba l-komunjoni b'djun għall-interessi tiegħu

huwa issa qed iħallas biss nofs il-pagamenti mensili lill-bank (it-tielet aggravju);

- il-fatt li l-frott kollu iġġenerat u li għad irid jiġi iġġenerat mill-attivitajiet finanzjarji u professjonali tal-konvenut huma dovuti ugwalment għall-ħidma u s-sapport li tagħha għal 25 sena, u li għalhekk il-waqfien mhux biss ser iġibilha preġudizzju, iżda wkoll preġudizzju inġust (ir-raba' aggravju);

- il-fatt li hemm pagamenti li kellhom jidħlu fil-komunjoni u għadhom ma daħlux - u li allura jekk jidħlu wara x-xoljiment tal-komunjoni jkun diffiċli biex tiddentifikahom u tipprova li dawn kienu dovuti qabel ix-xoljiment, anke in vista tal-fatt li qed jaħbi l-flus minnha (is-sitt aggravju).

18. Il-konvenut jirrispondi għal dak l-aggravju billi jagħmel is-segwenti argumenti:-

- li l-attriċi għandha potenzjal li jkollha introjtu ikbar minn dak li bħalissa għandha mill-impjieg *part-time*, li hija wkoll għandha kwalifiki ta' *accountant* bħalu, li hu qiegħed preżentament jgħaddilha manteniment, u li kienet hija stess li talbet il-likwidazzjoni u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti permezz tal-kawża tas-separazzjoni;

- li d-dejn li ssemmi huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk iż-żewġ partijiet iridu jirrispondu għalihom;

- li kwalunkwe sagrifiċċju li għamlet l-attriċi għall-familja ser jissarraf fl-attiv li ġie akkummulat fiż-żwieġ u li naturalment jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti li għandha sehem minnu;

- li dak li ser jiġi ppruvat li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti (anke dak li l-attriċi tallega li huwa mistur jew li hu qed jaħbi minnha) xorta waħda jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

19. L-attriċi tenfasizza li l-konvenut laħaq fejn laħaq bl-appoġġ u s-sagrifiċċji li għamlet għall-familja, fosthom il-karriera professjonali tagħha. M'hemmx dubju li dak li sar kien bi ftehim bejn il-partijiet. Jidher li l-għażla kienet li l-attriċi tibqa' d-dar sabiex tieħu ħsieb it-tfal. Ovvjament dan kellu impatt fuq il-professjoni tagħha, li jidher li ilha ma tipprattika għal snin twal ħafna. Hu faċli li wieħed jgħid li l-attriċi għandha terġa' tibda tipprattika l-professjoni, iżda l-affarijiet mhumiex faċli daqshekk. Meta tkun ilek snin twal maqtugħ mill-professjoni, mhu faċli xejn li tibni karriera *from scratch*.

20. Il-partijiet għandhom erbat (4) itfal. It-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jfisser li f'dan l-istadju l-attriċi mhux ser tkompli tgawdi minn qligħ li żewġha qiegħed jagħmel mill-professjoni ta' *accountant*. Qligħ li

bil-liġi jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti fehmet li l-konvenut għamel suċċess fil-karriera. Ovvjament dan qiegħed isir b'ħafna xogħol iebes u dedikazzjoni min-naħa tiegħu, u wkoll kompla jistudja u jġib iktar kwalifiki. Madankollu dan bilfors kien ukoll frott tal-fatt li martu ħadet ħsieb il-kura tal-familja, filwaqt li l-konvenut ikkonċentra fuq il-professjoni biex jipprovdi għall-familja.

21. Preżentament kull wieħed mill-partijiet għandu qligħ, pero` hemm disparita` konsiderevoli bejn l-introjtu taż-żewġ partijiet. Filwaqt li l-konvenut hu *accountant* stabbilit sew fil-professjoni tiegħu[2] b'ħafna snin ta' esperjenza, l-attriċi għandha biss introjtu minn impjieg *part-time*. Skont l-attriċi l-konvenut jaqla' 'l fuq minn €13,000 fix-xahar, għalkemm hu jsostni li d-dħul hu ta' €6,546, filwaqt li l-qligħ tagħha hu ta' €750 (fol. 57 u 59). Għaldaqstant, l-introjtu tal-attriċi, wkoll meta tqis il-manteniment li qiegħed iħallas il-konvenut fl-ammont ta' €2,000 għaliha u t-tfal (fol. 56), hu ferm inqas minn dak tal-konvenut.

22. Il-konvenut jirreferi għall-ġurisprudenza u jsostni li d-diskrepanza fl-introjtu tal-partijiet *per se* ma tikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat għall-finijiet tal-Artikolu 55(4). F'sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019 fil-kawża **Elizabeth Spiteri v. Carmelo Spiteri** din il-Qorti qalet:

[2] L-attriċi tispjega li għandu impjieg ta' senior lecturer fl-universita` fejn jgħallem *financial accounting*, u jagħti lectures ukoll lill-impjegati tal-BOV, lectures lill-istudenti tal-universita` tal-korsijiet ta' filgħaxija tal-MBA, u dan barra x-xogħol privat tiegħu ta' accountant u financial consultant lil klijenti privati u għandu involviment f'numru ta' kumpaniji kemm lokali u internazzjonali (fosthom fl-IGaming).

> *"…taqbel mar-raġunament tal-ewwel qorti li tqis bħala mhux valida l-konsiderazzoni li bl-ordni tal-waqfien l-attriċi ser tiġi imċaħħda mis-sehem tagħha mill-inrojtu tal-konvenut wara l-għoti tal-ordni minkejja, li skont hi, it-tort tas-separazzjoni huwa attribwibbli lill-konvenut. Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jeżisti r-reġim tal-kommunjoni l-partijiet huma soċji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment* ***bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet****"*.

23. Pero` fil-każ tal-lum ma jidhirx li l-firda *de facto* ilha xi żmien twil. Kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-fatti tal-każ li jkollha quddiemha.

24. F'dan il-każ hu rilevanti kif il-komunjoni tal-akkwisti tinkludi dejn mal-bank (pagamenti ta' €1,306.96 kull xahar – fol. 57) li jitħallas permezz ta' pagamenti kull xahar. Il-konvenut ma kkontestax li jeżisti d-dejn u li qiegħed iħallas biss nofsu. Għalkemm l-attriċi ppreżentat rikors sabiex il-pagamenti mensili mal-bank jitħallsu mill-konvenut, il-qorti ċaħdet it-talba (fol. 58).

25. Il-konvenut jargumenta li d-dejn huwa tal-komunjoni u li allura ż-żewġ partijiet iridu jirrispondu għalih;

> *"Kwalunkwe dejn li hemm formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kollu sar mal-Banek u li għalhekk m'hemm ebda possibilta' li l-appellanta ma ffirmatx għalih jew li ma kinitx taf bl-eżistenza tiegħu, ġie fis-seħħ għaliex l-appellanti tat il-kunsens tagħha u ffirmat għalih. Bis-sentenza favur jew kontra l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, tali dejn hemm ser jibqa' u l-appellanta trid taċċetta r-realta' li l-kunċett tal-komunjoni tal-akkwisti m'huwiex qiegħed hemm biss għall-vantaġġi li jġib miegħu iżda wkoll għall-fatt li hi, bħal żewġha, trid terfa' l-piż tad-dejn tal-istess komunjoni għaliex ma tistax tagħżel li tieħu attiv tal-istess komunjoni u*

*fl-istess ħin twarrab id-dejn li huwa wkoll formanti parti minnha"* (fol. 73).

26. Fl-ewwel lok wieħed ma jridx jinsa li meta l-bank ikkalkola r-"*repayment capacity*" biex jara kemm seta' jagħti self lill-konjuġi Grixti, huwa ovvju li ħa in konsiderazzjoni l-"*earning capacity*" tal-konvenut għaliex l-attriċi ma kellhiex qligħ. Għalhekk f'dan ir-rigward id-diskrepanza bejn l-introjtu tal-partijiet (anke jekk il-konvenut qed jgħaddilha xi manteniment) ma tistax tiġi injorata. Il-qorti żżid li filwaqt li l-konvenut jippretendi li d-dejn jinqasam f'sehem ugwali bejn iż-żewġ partijiet, mhux l-istess qiegħed jirraġuna għal dak li jikkonċerna l-qligħ. Bil-mod li qiegħed jirraġuna r-rikorrent qiegħed joħloq disparita`. Id-dejn jinqasam bejn it-tnejn u l-qligħ li għandu mill-professjoni jgawdih kollu hu bl-eċċezzjoni tal-mateniment li jħallas lil martu. Din il-Qorti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-konvenut, iktar u iktar meta tikkonsidra l-akkuża gravi li għamlet martu.

27. Il-qorti żżid li mis-sottomissjonijet li saru waqt it-trattazzjoni, il-qorti fehmet li l-bank beda jipproċedi għad-dejn li hemm minħabba li mhumiex isiru pagamenti. Għalkemm id-difensur tal-appellat qalet li dan ġara għaliex l-appellanti instigat lill-bank sabiex jieħu passi, mhemmx prova ta' dan.

28. Id-difensur tal-appellat għamlet ukoll enfażi li fuq talba tal-appellanti, inħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju għas-somma ta'

€700,000, u sal-lum għadhom pendenti l-proċeduri għar-revoka ta' dak l-att kawtelatorju. Għalkemm l-appellant qiegħed isostni li ma jistax jonora l-pagamenti lill-bank proprju minħabba dak l-att kawtelatorju, dik hi materja li trid tiġi kkonsidrata mill-qorti li ser tiddeċiedi t-talba għar-revoka tal-mandat. Huwa imperattiv li l-pagamenti mensili relatati mas-self isiru sabiex is-sitwazzjoni ma tiġix kompromessa. Minn dak li fehmet il-qorti, bħalissa l-appellanti mhijiex f'pożizzjoni finanzjarja li tħallas id-dejn relatat mad-dar matrimonjali, fejn tgħix ma' wliedha. Lanqas m'għandha xi kontroll fuq il-qligħ li għamel żewġha u li skont il-liġi jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ovvjament mhuwiex magħruf kemm ser iddum pendenti l-kawża. Madankollu, il-qligħ tajjeb li jagħmel l-appellat hu l-mezz kif jitħallas id-dejn. Dak kien il-ħsieb tal-partijiet meta ħadu s-self, għaliex dak iż-żmien l-appellanti ma kellhiex qligħ tagħha. Dan apparti li mhemmx prova per eżempju li hemm qligħ li għamel l-appellat li għadu faċilment disponibbli sabiex ikopri d-dejn li l-partijiet daħlu għalih fi żmien meta ma kienx hemm inkwiet.

29. Ikkonsidrat dan kollu din il-Qorti hi tal-fehma li jekk titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-kawża tas-separazzjoni, l-attriċi ser issofri preġudizzju mhux proporzjonat.

Għal dawn ir-raġunijiet sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-attriċi, tħassar is-sentenza appellata tal-10

ta' Jannar 2019 u tiċħad ir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Ottubru 2018 li bih talab il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert Mangion<br>Imħallef |

Deputat Registratur
rm